## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 7 TA' JANNAR, 2002

**Avviz Nru: 1549/01 AJD**

**Newtech Limited**

**vs**

**Anthony Borg esercjenti l-kummerc bl-isem W.I.S.E. Computer Services**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigu kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' 'computer software' lilu mibjugh u kkonsenjat u liema somma l-konvenut baqa' ma hallasx nonostante l-fatt li gie mitlub ihallas.
Bl-ispejjes, u bl-imghax legali mill-1 ta' Marzu, 2001, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Wayne Pisani, ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**